Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 383/2015

Il-Pulizja

Spettur Jonathan Ransley

Vs

Juanita Fenech

Illum 17 ta' Marzu, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Juanita Fenech detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 148761M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' l-1 ta' Awwissu 2012 u fis-06 ta' Settembru 2012 f'dawn il-Gzejjer:-

1. Bil-qerq holqot jew gieghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil- hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat .
2. Iddenunzjat lill-Pulizija Esekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex tizgura li dak ir-reat kien sar.

3. Bil-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna, akkuzat lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kienet taf li dik il-persuna hija innocenti.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' kundanna, tapplika esperessament il-piena tal-interdizzjoni generali, kif ukoll interdizzjoni milli l-hatja sservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja u bhala perit, f'kull kaz li jkun.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-23 ta' Gunju, 2015, fejn il-Qorti rat l-**Artikoli 109, 101, 110(1) u 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat li sabet lill-imputata JUANITA FENECH hatja w ikkundannatha sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti laqghet it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai fini tal-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundannat lill-imputata il-piena tal-Interdizzjoni Generali, kif ukoll Interdizzjoni milli l-hatja sservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja u bhala perit f'kull kaz li jkun. Dan ghall-perijodu ta' hames (5) snin millum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appell ta' Juanita Fenech, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Lulju, 2015, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentneza appellata u tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni htija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe'[1]:-

Dwar l-ewwel Aggravju:

Illi hekk kif irrizulta mill-provi mhux kontradetti migbura fil-mori tal-kawza, kien propju missier l-esponenti li kien jiehu hsieb izomm notamenti u rendikont tal-

pagamenti li kienu saru u bosta drabi kien jagixximinghajr ma' jikkonsulta ma' bintu – hekk kif ghamel fil-kaz de quo. Illi l-intimata ma kienet taf b'xejn, tant illi waqt l-investigazzjoni kienet stqarret mal-ufficjal investigattiv, l-Ispettur Ransley li misserha kien jiehu hsieb ir-rendikont tal-mentenimenti u sahansitra qalet li setgha ha zball,. Kien imiss lill-pulizija li tinvestiga ulterjorment qabel ma tikkonkludi li kellha tixli lill-esponenti.

Illi f'dan il-kuntest huwa car li seta' facilment kien hemm zball kommess in bona fede minn missier l-esponenti, li ta' min jirrileva li huwa persuna anzjana;

Illi madanakollu, fil-kaz odjern, hu car (u dan ukoll irrizulta mill-assjem tal-provi) li l-hlas tal-manteniment mill-parte civile versu l-esponenti l-process kien jghaddi minn hafna jdejn sabiex jasal ghand l-esponenti. Fil-fatt, il-flus kienu jghaddu minghand il-parte civle, ghal ghand il-kumpanija tieghu, ghal ghand l-avukat tieghu, ghal ghand l-avukat tal-esponenti, u fl-ahhar ghal ghand l-esponenti. Jirrizulta wkoll li l-esponenti mhux dejjem marret hi personalment tigbor ic-cheque u gieli (jew addirittura hafna drabi) baghtet lil binha. Isegwi ghalhekk li wiehed ma jistax ma jinnutax li l-hlas kien jghaddi minn bosta jdejn sabiex fl-ahhar jasal ghand l-imputata appellanti. Il-prosekuzzjoni ressqet rapprezentanti tal-banek sabiex jixhdu izda b'kull rispett dawn ma giebu ebda prova inonfutabbli li fl-ahhar mill-ahhar ic-cekkijiet issarfu mill-esponenti.

Illi bl-istess mod, mix-xhieda ta' Melissa Micallef, segretarja tal-Avukat Stephen Thake bl-ebda mod ma tikkostitwixxi prova li l-hlas fl-ahhar mill-ahhar spicca f'idejn l-esponenti, tant li Micallef tkompli tghid li gieli rat lill-minuri jiftah l-envelope fil-lift. Romuald Attard ikkonferma wkoll li gurnata fost l-ohrajn il-minuri iddepozita cheque ta' €600 fil-kont tieghu kif jidher mid-dokument a fol 42 ghad li ma jirrizultax li dan ic-cheque jirreferi ghall-hlas ta' manteniment.

Illi l-minimu li kien mistenni mill-prosekuzzzjoni fic-cirkostanzi kien li ggib dak li normalment jintalab meta wiehed ikun irid jiccekkja dwar cheque u cioe' kopja tac-cheque sija minn quddiem kif ukoll minn wara – u dan biex jara l-giri.

Illi minn ezami tal-process jidher bic-car li ma ngibietx prova li xxejjen kull ombra ta' dubju li l-esponenti tassew wettqet ir-reat lilha ddebitat.

Illi jsegwi ghalhekk li fil-kaz odjern, hemm nuqqas ta' ness kazwali li jorbot lill-esonenti mar-reat lilha addebitat satante li l-prosekuzjoni ma rnexxielix tipprova lil hinn minn kull ombra ta' dubju li (i) kull cheque gie msarraf propju mill-esponenti kif ukoll (ii) li l-kwereli saru propju fuq struzzjonijiet tal-esponenti. Ghaldaqstant jonqos dak in-ness bejn l-event dannuz u l-kondotta tal-esponenti meta wiehed iqis li kien missier l-esponenti li ghamel il-kwerela ghad insaputa taghha, kif ukoll li ma giex pruvat li kull cheque gie msarraf mill-esponenti;

Dwar it-Tieni Aggravju:

Illi l-esponenti giet akkuzata bir-reat a tenur tal-artikolu 110(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi kif gej:-

> ***110.*** *(1) Kull min bil-qerq joħloq jew iġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat, jeħel, meta jinsab ħati, bħala xhud falz, bilmod kif jingħad fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.*

Illi dan ir-reat jirrikjedi zewg elementi tassattivi. L-element materjali jikkonsisti fir-rapport li ghandu jisir mill-awtorita' kompetneti filwaqt li l-element formali ta' dan ir-reat jirrikjedi li wiehed ikollu hsieb li jagheml hsara lil persuna ohra billi jaghmel mill-gustizzja strument ta' ingustizzja kotnra l-persuna l-ohra billi jinholqu tratti jew indizji materjali bil-hsieb li dawn jkunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna.

Illi filwaqt li l-element materjali jista' wiehed jargumenta li gie sodisfatt, l-istess ma jistax jinghad ghall-element formali,. Meta wiehed jikkunsidra li f'diversi okkazjonijiet ic-cheques inghataw aktar tard miz-zmien ordnat fid-digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u li f'okkazjoni minnhom kien hemm pagament dovut nieqes ghall-liema nuqqas kienu ittiehdu passi kontra l-istess Mario Fenech (kif jirrizulta mill-assjem tal-provi), wiehed ghandu jasal ghall-konkluzjoni li l-ilment, il-kwerela – waslet ghand il-Pulizija minghajr ebda qerq izda li b'mod l-aktar ragjonevoli u in buona fede u dan bil-ghand li l-esponenti tiehu dak li kien

jispetta lilha u lil binha u mhux biex issir hsara lill-parte civile. Ghaldaqstant fid-dawl tal-bosta pagamenti tardivi, l-esponenti kelllha kull ragun li ma jkolliex fiducja f'Mario Fenech u ghalhekk l-element intenzjonali qarrieqi ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat ma giex ippruvat lil hinn minn kull dubju;

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti tressaq zewg lanjanzi diretti lejn is-sentenza impunjata u dan meta tishaq illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issibha hatja tar-reati lilha addebitati u dan ghaliex fl-ewwel lok n-ness kawzali rikjest bejnha u l-akkuzi migjuba fil-konfront huwa nieqes. Fit-tieni lok tilmenta illi l-element intenzjonali ta' qerq rikjest fl-artikolu 110(1) tal-Kodici Kriminali ma giex ippruvat lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli.

Illi meta wiehed ighasar dawn iz-zewg aggravji ghandu jirrizulta illi dak li qed tilmenta minnu l-appellanti huwa essenzjalment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. Dan ghaliex tikkontendi illi kien missierha li kienu jiehu hsieb ihejji r-rendikont tal-manteniment li kien jithallas lilha minn zewgha u allura hija kienet timxi fuq l-informazzjoni li kien ighaddielha missierha. Kwindi meta hija ressqet il-kwerela lill-pulizija dwar in-nuqqas minn naha taz-zewgha li ihallasha il-manteniment dovut, hija kienet qed tistrieh fuq l-informazzjoni mghoddija lilha u allura dan kien biss zball kommess in *bona fede*. Tallega ukoll illi billi l-hlas tal-manteniment ma kienx ighaddi direttament f'idejha izda kien ighaddi minn hafna idejn u cioe' tramite l-avukati rispettivi ta' zewgha u taghha, oltre ghal fatt illi hi gieli baghtet lil binha jigbor ic-cekk in kwistjoni, allura ma hemmx provi jekk fil-fatt ic-cekkijiet in kwistjoni kenux issarrfu minnha. Tghid illi kien hemm provi illi binha gieli fetah l-*envelope* kontenenti ic-cekk u li kien hemm anke provi illi huwa kien iddepozita cekk ghall-ammont ta' €600 fil-kont tieghu. Tikkontendi ukoll illi hija nieqsa l-prova illi z-zewg kwereli mertu ta' dan il-kaz saru fuq istruzzjonijiet taghha

u tallega tramite id-difensur taghha illi kienet l-avukata li hejjiet dawn il-kwereli li fihom ghamlet informazzjoni zbaljata u li dan ghalhekk ma kienx nuqqas taghha.

Illi minn qari ta' dan l-ewwel aggravvji jidher car illi l-appellanti qieghda tipprova twahhal fuq kulhadd barra fiha innifisha! Tallega illi l-izball kien ta' misierha, ta' binha u tal-avukata li hejjiet il-kwerela fl-istess nifs. Illi bir-rispett kollu dan huwa tentattiv fjakk u kemmxejn zlejali sabiex hija tahrab mir-responsabbilta taghha penali. Attitudni ta' zlejalta' mhux biss lejn in-nies eghzez ghaliha u cioe' missierha u binha izda ukoll lejn professjonista li kif jirrizulta car u tond mill-provi ma kienet qed taghmel xejn ghajr li timxi fuq l-istruzzjonijiet moghtija mill-klijenta taghha u cioe' mill-appellanti. Illi huwa etikament skorrett intoltre minn naha tad-difensur ta'l-appellanti illi jasal ghall-estrem illi sabiex jiddefendi lill-klijenta tieghu kien lest illi pubblikament "*in open court*" jixhet dell ikrah fuq kollega tieghu li *del resto* fiz-zmien li saret il-kwerela kienet tahdem fl-ufficcju tieghu!! Kif tista' din il-Qorti qatt temmen dak allegat mill-appellanti u id-difensur taghha illi din l-avukat, li xehdet quddiem l-Ewwel Qorti u qalet car u tond illi hija imxiet fuq l-informazzjoni moghtija mill-klijenta, illi hija qatt ma iltaqghet ma' missier l-appellanti li jallega illi kien hu li ghamel ir-rapport, imbaghad fl-istess nifs ighid li qatt ma iltaqa' ma' din l-avukata, illi din ser tasal biex tivvinta minn znieda id-dettalji li jidhru fil-kwerela u senjatament l-ammont tal-manteniment li ma thallasx u il-perijodu taz-zmien ghal liema kien jirreferi dan in-nuqqas! Certament illi kienet l-appellanti stess li fornietilha din l-informazzjoni meta kienet taf ben tajjeb illi dan il-manteniment kien imhallas, tant illi kien hemm rendikont dettaljat imhejji mill-avukat tal-parti leza kull xahar meta kien jithallas il-mantniment u kienet tinghata dejjem ricevuta[1] meta kien jingabar dan il-hlas. Tant hu hekk illi meta tigi interrogata l-appellanti tghid car u tond illi l-manteniment li kien dovut kien ghal perijodu hafna iqsar u imbaghad tammetti illi fil-fatt dak indikat fil-kwereli ma huwiex minnu u tghid il-kliem "*X'imkien hemm tahwida*". Illi l-Ewwel Qorti ghamlet studju dettaljat u approfondit tal-provi li kellha quddiemha fid-dawl tal-gurisprudenza minnha iccitata. Din il-

[1] Dokumenti MM1 u MM2

Qorti ma tistax titbiegħed minn dan ir-raġjonament validu kemm legalment kif ukoll fattwalment.

Dan għaliex jeżistu f'dan il-każ l-elementi kollha rikjesti mill-liġi kemm materjali kif ukoll formali tar-reat tal-kalunja kif previst fl-artikolu 101 tal-Kodiċi Kriminali. Hawnhekk hawn każ ċar ta' kwerela magħmula bil-miktub,  fejn kif igħid il-Professur Mamo:

*"such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority."*

Għandu jingħad illi mid-diċitura ta'l-artikolu 101, huwa ċar li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkużata b'dana ir-reat hija illi tagħmel ħsara lil persuna jew persuni illi jiġu akkużati inġustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id-denunzja falza trid tkun tali illi abbażi ta'l-istess azzjoni kriminali setgħet tittieħed jew ittieħdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkużati. F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta jingħad:

***"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min għamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkużata b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx għamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali aġir effettivament iwassal sabiex tiġi kaġjonata ħsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem ġie ritenut, wieħed huwa tenut dejjem responsabbli għall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jagħmel."*** (Il-Pulizija vs Doreen Zammit – 15/06/2001)

Illi dawn l-elementi kollha jissussitu f'dan il-każ billi huwa ppruvat illi kienet l-appellanti illi minn jeddha ressqet quddiem l-avukat tagħha u forniet l-informazzjoni kollha sabiex setgħet titressaq il-kwerela lill-pulizija eżekuttiva u dan sabiex jiitteħdu passi kriminali kontra żewġha għal kontravvenzjoni ikkontemplata fl-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali. Dan għaliex huwa ppruvat kif qalet tajjeb l-Ewwel Qorti anke *ex admissis* minn  dak li tgħid l-appellanti fl-istqarrija tagħha, li hija kienet taf illi kien hemm okkażżjoni waħda biss ta' erba ġimgħat meta l-

manteniment kien tardiv u lanqas kienet taf ezattament ghal liema perijodu dawn kienu jirreferu. Kwindi stabbilit l-incertezza taghha, kien dmir taghha illi tivverifika l-affarijiet sew ma' missierha li hija tghid kien izomm ir-rendikont tal-hlas tal-manteniment jekk il-manteniment kienx thallas, tivverifika ukoll mar-ricevuti li kellha fil-pussess taghha rilaxxjati mill-avukat ta' zewgha meta kien isir il-hlas relattiv u tivverifika ukoll ma' binha jekk ic-cekkijiet illi kien irceva f'isimha kienx ghaddiehomlha kollha. Il-fatt illi hija ma ghamlitx dan l-ezercizzju juri illi hija kellha l-intenzjoni illi takkuza lil zewgha b'reat li kienet ben taf li ma kienx gie kommess.

Illi fir-rigward tat-tieni aggravvju, dan ukoll jirrazenta l-fieragh. Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(1) tal-Kodici Kriminali huwa meqjus fil-gurisprudenza kontinentali bhala forma ohra ta' kalunja. Dana peress illi filwaqt illi ir-reat taht l-artikolu 101 huwa meqjus bhala verbali u dirett, il-kalunja taht dina id-disposizzjoni tal-ligi hija imsejjha rejali u indiretta. Mid-dicitura tal-ligi jidher illi dina il-forma ta' kalunja trid twassal ghal kundanna tal-persuna li hija akkuzata ingustament b'reat abbazi ta' dawn il-provi foloz li ikunu gew fabbrikati.

Illi l-appellanti tikkontendi illi l-element formali ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat ma giex ippruvat billi l-kwereli wasslu ghand il-pulizija minghajr ebda qerq minn naha taghha. Dan l-aggravvju madanakollu huwa nieqes minn motivazzjoni cara diretta lejn xi parti mis-sentenza appellata li taghha qed tintalab ir-revoka. Illi l-appellanti tghid biss illi l-element tal-qerq ma giex ippruvat u tieqaf hemmhekk minghajr ma tindika fuq liema bazi hija tikkontendi illi tali konkluzjoni li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti hija erronja. Illi din il-Qorti certament mhijiex ser toqghod tfittex hi l-motivazzjoni unika li wassal lill-appellanti thoss ruhha aggravata minn din il-parti tad-decizjoni impunjata. Fi kwalunkwe kaz ghall-motivi hawn fuq indikati, din il-Qorti ma tara l-ebda nuqqas fis-sentenza impunjata li dahhlet biex ezaminat il-provi kollha bir-reqqa. Ma tarax illi l-appellanti f'dan l-aggravvju minnha imressqa ressqet xi kritika diretta lejn id-decizjoni impunjata izda tillimita ruhha billi tghid illi qerq ma kienx hemm minn naha taghha u li hija ghamlet il-kwereli mertu ta' dan il-kaz in *bona fede*. Tali ragjonament huwa fjakk wisq u ma jistax iwassal lil din il-Qorti tikkonsidra dan l-aggravvju abbazi ta'dan il-binarju.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur